# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Appell Nru: 725/2020

**Il-Pulizja**

**(Spettur Roderick Agius)**

**Vs**

**Nicholai Azzopardi**

Seduta tal-1 ta' Novembru, 2021

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Nicholai Azzopardi detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 420784(M), quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli f'dawn il-gzejjer nhar it-12 ta' Dicembru 2021 ghal habta tal-04:00hrs gewwa stabbiliment li jgib l-isem La Siciliana li jinsab fi Triq l-Imdina, Attard u f'dawn il-Gzejjer ikkommetta serq liema serq huwa kkwalifikat, bil-hin ghad-detriment ta' Jolanda Paolini u/jew persuni ohra.

U aktar talli fil-lejl ta' bejn it-12 u 13 ta' Dicembru 2020 gewwa, Costa Coffee, Triq l-Intornjatur, Zona Industrijali l-Imriehel, fil-

limiti ta' Birkirkara u f'dawn il-gzejjer, ikkommetta serq liema serq huwa kkwalifikat, bil-mezz u bil-hin ghad-detriment ta' Costa Coffee u/jew persuni/entitajiet ohra.

U aktar talli fl-istess, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn mitejn u hamsin euro (250euro) izda mhux aktar minn elfejn u hames mitt euro (2,500 euro) ghad-detriment ta' Costa Coffee u/jew persuni/entitajiet ohra.

U aktar talli nhar it-28 ta' Dicembru 2020 ghal habta tas-2:00hrs gewwa, EETWELL li jinsab fi Triq is-Salib tal-Imriehel, Birkirkara u f'dawn il-gzejjer, ikkommetta serq liema serq huwa kkwalifikat, bil-mezz, bil-hin u l-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu tal-ewro (232.93ewro) izda ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta' Gary Falzon u/jew persuni ohra.

U aktar talli fl-istess, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn mitejn u hamsin euro (€250) izda mhux aktar minn elfejn u hames mitt euro (€2,500) ghad-detriment ta' Gary Falzon u/jew persuni ohra.

Ukoll talli ikkommetta reat ta' natura volontarja li ghalih hem kontemplat piena ta' prigunerjija, fil-perjodu operattiv ta' sentenza ta' liberazzjoni taht kundizzjoni, ai termini ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, imposta fuqu b'sentenza f'Settembru 2021, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta),

Magistrat Dr.Yana Micallef Stafrace LL.D, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal- li biha sabet lill-imputat hati tal-impuazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu u qieghdet lill-hati Nicholai Azzopardi taht ordni ta' Probation ghall-perjodu ta' tlett snin u ordnat li jitqieghed taht is-sorveljanzi t'Ufficjal tal-Probation indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole. Inoltre a tenur tal-artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghdet lill-Nicholai Azzopardi taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tlett (3) snin sabiex jinghata l-ghajnuna kollha necessarja sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga u jinghata assistenza psikologika sabiex ikun jista' jindirizza s-sahha mentali tieghu jekk hekk mehtieg;

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentant fir-registru ta' din il-Qorti fis-6 ta' Mejju 2021, li bih talab lil din il-Qorti **tirriforma** s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn l-Ewwel Qorti sabet htija fl-appellat f'kull imputazzjoni, **thassaraha** f'dik il-parti fejn l-Ewwel Qorti ghazlet illi ma titrattax mal-appellat dwar is-sitt akkuza u fejn erogat piena, u **minflok** tghaddi u konsegwentement issa titratta mal-appellat dwar il-piena u minflok tghaddi sabiex tittratta mal-appellat ukoll ghal dik l-akkuza u konsegwentament tinfliggi l-piena idoneja skont il-ligi;

Semghet ix-xhud bil-gurament mressaq fuq ordni tal-Qorti;

Semghet lill-partijiet;

Rat l-atti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan huwa appell tal-Avukat Generali rigward il-piena erogata mill-ewwel Qorti bil-gravam singolari illi l-ewwel Qorti naqset milli titratta mal-appellat ghal-ksur tal-liberazjoni tieghu b'kondizzjoni fit-termini tal-artikolu 22 tal-Kapitol 446 tal-ligijiet ta' Malta;

2. Illi l-imputat kien rregistra ammisjoni ghall-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu inkluz l-addebitu li kkometta reat ta' natura volontarja waqt perjodu operattiv ta' sentenza ta' liberazzjoni b'kundizzjoni kontra d-dispost tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta. Kif tajjeb osserva l-Avukat Generali fir-rikors tal-appell, l-ewwel Qorti kellha, bhala konsegwenza, titratta mal-imputat ghal dan il-ksur. Dwar dan ma hemm l-ebda dubju ghaliex hekk jipprovdi l-artikolu 23 tal-istess Kapitolu;

3. L-artikolu 23 (1) u (3) tal-Kapitolu 446 jipprovdi espressament ghal kull wahda minn dawn is-sitwazzjonijiet meta jghid:

*23.(1) Jekk persuna li fil-każ tagħha jkunu saru xi sanzjoni komunitarja jew ordni għal liberazzjoni kondizzjonata, sussegwentement tinħareġ fir-rigward tagħha dikjarazzjoni ta' ħtija minn jew quddiem xi qorti dwar reat li jkun sar matul il-perjodu ta' probation jew matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-qorti -*

*(a) jekk tkun l-istess qorti li tkun għamlet l-ordni ta' probation , l-ordni ta' servizz fil-komunità, l-ordni ta' probation u servizz jew l-ordni għal liberazzjoni kondizzjonata,* ***tista'*** *tittratta lil dik il-persuna għar-reat li dwaru tkun saret dik l-ordni b'kull mod li tista' tittratta lill-ħati li kieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiem dik il-qorti għal dak ir-reat;"* u

*(2) Bla hsara ghad-disposizzjoni tas-subartikolu (3), meta persuna tigi trattata ghar-reat li dwaru tkun tqeghdet taht* probation *b'ordni ta' servizz fil-komunita', jew b'ordni ta'* probation *u servizz jew tkun giet kondizzjonalment liberata,* **il-qorti ma tkunx tista' tqieghed lill-hati taht sanzjoni komunitarja jew taghmel ordni kif provdut fl-artikolu 22(1)** (enfasi ta' din il-Qorti).

4. Issa, kif tajjeb jargumenta ukoll l-Avukat Generali dwar l-artikolu 23(1)(a), l-ewwel Qorti ma kellhiex ix-xelta titrattax jew le mal-hati ghal-ksur tal-ordni ta' probation ghaliex il-kelma "tista" f'dak il-kaz mhix wahda fakoltattiva izda tfisser biss li l-Qorti ghandha **s-setgha** li titratta mieghu. Dan l-argument illum il-gurnata huwa ezawrit u ma hemm l-ebda lok ghal kunsiderazzjonijiet diversi minn dawk maghmula mill-Qrati fosthom dik **Il-Pulizija vs Duranovic Coreschi** (App Krim 549/2010;

5. Is-subartikolu (2) tal-artikolu 23 tal-Kap 446, kif riprodott *supra*, imbaghad jipprekludi sanzjoni komunitarja meta huwa jkun misjub hati proprju li kiser l-ordni precedenti ossia jkun imputat bil-fatt li kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' ordni ta' probation, f'dan il-kaz. Ghalhekk , u sabiex ikunu rikapitolati dawn il-konsidrazzjonijiet, l-ewwel Qorti ma setghetx ma titrattax mal-appellat ghal-ksur tal-ordni ta' probation, ma setghetx ukoll terga' tqieghed lill-appellat taht ordni ta' probation meta sabitu hati ta' ksur tal-istess ordni kif effettivament ghamlet

meta applikat l-artikolu 7 tal-Kap 446 dwar l-imputazzjonijiet kollha. Hi setghet taghmel hekk biss dwar l-ewwel hames imputazzjonijiet izda zgur mhux dwar is-sitt wahda;

6. Il-problema li qed tirriskontra din il-Qorti hi li minkejja l-ammissjoni tal-imputat, quddiem l-ewwel Qorti ma ngibitx dik il-prova li turi li kien misjub hati u liberat b'kondizzjoni precedentement ghall-imputazzjonijiet li dwarhom instab hati. Dak li hemm fl-atti biex juri li kien hekk liberat b'kondizzjoni hija l-fedina penali tieghu u vera kopja ta' verbal tal-udjenza quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhal Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta' Settembru, 2020 fejn hemm kontenut li l-imputat Nikolai Azzopardi kien qed ikun liberat b'kundizzjoni taht l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 ghal zmien sena. Din it-traskrizzjoni tal-verbal, anke jekk inhi vera kopja certifikata, **<u>mhix</u>** il-prova li trid il-ligi u din il-Qorti mhix ser tghalaq ghajnejha f'cirkostanzi konsimili u tispicca tikkundanna persuna meta ma tkunx ingiebet l-ahjar prova li f'dan il-kaz kellha tkun kopja tas-sentenza li dwarha l-imputat hu allegat li kiser il-kundizzjonijiet taghha. B'zieda ma' dan, il-verbal esebit ma jurix il-konnotati tal-imputat sabiex din il-Qorti u l-ewwel Qorti qabilha tkun certa li si tratta tal-istess persuna, liema raguni hija wahda minn dawk ghaliex kellha ssir dik il-prova;

7. Illi l-istadju tal-provi huwa mghaluq u ghalhekk anke jekk l-Avukat Generali ghandu ragun fl-appell tieghu din il-Qorti issa tinstab f'qaghda ferm stramba fejn ma tistax titratta mal-appellant kif jitlob l-artikolu 23 ghar-raguni moghtija *supra* kawza ta' difett fil-prova indispensabbli kif osservat *supra.* Konsegwentement l-appell qed ikun michud.